

32006R1316

5.9.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 242/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1316/2006

tat-22 ta' Mejju 2006

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Protokoll li jiffissa, għall-perjodu bejn l-1 ta' Awwissu 2001 u l-31 ta' Lulju 2006, l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' koperazzjoni fis-settur tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

(4) Huwa fl-interess tal-Komunità li tapprova dawn l-emendi.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) u ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3), tiegħu,

(5) Jeħtieġ li jiġi konfermat it-tqassim fost l-Istati Membri ta' l-opportunitajiet ta' sajd il-ġodda kif emendati,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Artikolu 1

Billi:

(1) Il-Protokoll li jistipula l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju provduti fil-Ftehim ta' koperazzjoni fis-settur tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja japplika għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006 ⁽²⁾.

Il-ftehim fl-għamla ta' Skambju ta' Ittri dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Protokoll li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribut finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' koperazzjoni fis-settur tas-sajd marittimu bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awwissu 2001 sal-31 ta' Lulju 2006 ⁽³⁾ huwa b'dan approvat mill-Kunsill f'isem il-Komunità.

(2) Fid-dawl ta' l-opinjoni xjentifiċi dwar il-qagħda tar-riżorsi fiż-Żona Ekonomika Esklussiva tal-Mawritanja u speċjalment ir-riżultati tar-raba' u tal-ħames gruppi ta' ħidma ta' l-Istitut ta' Riċerki Oċeanografiċi u tas-Sajd tal-Mawritanja (*Institut Mauritanien de Recherches Océanographiques et des Pêches (IMROP)*) u tal-grupp ta' ħidma xjentifiku konġunt, u fid-dawl tal-konklużjonijiet li għalihom waslet il-Kumitat Konġunt ta' l-10 ta' Settembru 2004 u tal-15 u tas-16 ta' Diċembru 2004, iż-żewġ partijiet iddeċidew li jemendaw l-opportunitajiet attwali ta' sajd.

Artikolu 2

(3) Ir-riżultati ta' dawn l-emendi kienu s-suġġett ta' Skambju ta' Ittri u jittrattaw tnaqqis temporanju ta' l-attività ta' sajd għall-kategorija tas-sajd għaċ-ċefalopodi (kategorija 5), l-iffissar tat-tieni perjodu ta' waqfien bijoloġiku ta' xahar għas-sajd għall-ħut tal-qiegħ, iż-żieda tan-numru ta' bastimenti għall-kategorija tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u bil-konzizzjiet tal-wiċċ (kategorija 8) u għall-kategorija tas-sajd minn bastimenti tas-sajd bil-friża għall-ħut pelagiġiku (kategorija 9).

Bħala konsegwenza ta' l-emendi msemmija fl-Iskambju ta' Ittri, l-opportunitajiet il-ġodda ta' sajd għall-kategorija tas-sajd "bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u bil-konzizzjiet tal-wiċċ" (fajl tekniku nru 8 tal-Protokoll) u għall-kategorija tas-sajd "bastimenti tas-sajd għall-ħut pelagiġiku bil-friża" (fajl tekniku nru 9) għandhom jiġu mqassma fost l-Istati Membri kif ġej:

Kategoriji tas-sajd	Stat Membru	Tunnellaġġ/Numru ta' bastimenti li jistgħu jintużaw
Bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief Bastimenti bil-konzizzjiet tal-wiċċ (bastimenti)	Spanja	20 + 3 = 23
	Portugall	3 + 0 = 3
	Franza	8 + 1 = 9
Għall-ħut pelagiġiku (bastimenti)		15 + 10 = 25

⁽¹⁾ Għadha mhux ippubblikata fuq il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 341, 22.12.2001, p. 128.

⁽³⁾ ĠU L 48, 18.2.2006, p. 24.

It-tnaqqis temporanju ta' ħames (5) liċenzji għas-sajd għall-kategoriji tas-sajd taċ-ċefalopodi japplika mill-1 ta' Jannar 2005. L-attivazzjoni fil-ġejjieni ta' dawn il-ħames (5) liċenzji għandha tiġi deċiża bi qbil komuni fi ħdan Kumitat Konġunt bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Mawritani skond il-qagħda tar-riżorsi.

Jekk l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' l-Istati Membri ma jkopru għal kollox l-opportunitajiet ta' sajd iffissati mill-Protokoll,

il-Kummissjoni tista' tikkonsidra l-applikazzjonijiet għal-liċenzji ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Mejju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PRÖLL
